# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**(Spettur Charlotte Curmi)**

**Vs**

**Adrian Marian Borg**

Illum, 6 ta' Mejju, 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra **Adrian Marian Borg** (I.D. 0577989M) iben Martin Domenic u Margaret nee' Bonnici imwieled fil-29.11.1989 u joqghod 36 Derna Triq Olaf Gollcher B'Kara akkuzat talli fil-21 ta' Settembru 2022 ghall-habta ta' 10:30 hrs f'limiti tal-Balal Iklin, soqt vettura b' numru ta' registrazzjoni IOU999.

1. B' manjera traskurata.
2. U talli soqt l-imsemmija vettura b' maniera perikoluza
3. U talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera bla klont
4. U b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti,

involontarjament ikkagunajt offiza gravi fuq il-persuna ta' Christopher Zarb minghajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta skond kif iccertifika Dr Leigh Calleja MD mill-MDH.
Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.
Il-Qorti giet mitluba li f' kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-piena skond il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzja tas-sewqan hekk kif stabilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikoli Kap. 65 Art 15(1)(a)(2)(3), Kap. 9 Art 226 (1)(b), L.S. 65.18 Art 36B u L.S. 65.18 Sitt Skeda.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni.

Semghet l-imputat.
Rat ix-xhieda, id-dokumenti u l-atti kollha tal-kaz.

Semghet it-Trattazzjoni.

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**<u>Christopher Zarb xehed hekk</u>**

Pros: Sur Zarb inti irrapurtajt xi haga l-Pulizija?

Xhud: Ehe li kont ghaddej fuq il-linja Naxxar minghalija quddiem il-pompa tal-petrol qudiem l-McDonalds jiena l-

Ghassa tan-Naxxar kont mort id-data fl-indipendenza 21 ta` Settembru tas-sena l-ohra.

Pros: Il-hin sinjur.

Xhud: Kont ghaddej bil-mutur, id-9.00 filghodu.

Pros: In-number plate tieghek tiftakkru?

Xhud: Ma niftakkrux ta.

Pros: Int kont in-naha tal-McDonalds jew in-naha l-ohra?

Xhud: Jien kont fuq il-linja ta gewwa fi triq li sejjer in-Naxxar faccata tal-McDonalds u mal-linja ta gewwa. U f`xi hin laqtitni karozza umbaghad ma nafx x`gara jien intlift minn sensijja.

Qorti: Igifieri ma tafx min laqqtek?

Xhud: Le le.

Qorti: Jew il-karozza liem kienet?

Xhud: Le fuq ritratt umbaghad wara.

Qorti: X`ritratti sinjur?

Xhud: Tal-habta.

Pros: Min hadhom ir-ritratt?

Xhud: Il-mara.

Qorti: Il-mara kienet mieghek fuq il-mutur ?

Xhud: Le le giet wara.

Qorti: Imma l-incident ma ratux il-mara?

Xhud: Le le le.

Pros: Konsegwenza ta dan l-incident inti x`garalek ghandi hawnekk ksirtu spalla ksirtu u kelli hafna slieh.

Pros: Kemm domt nieqes mix-xoghol?

Xhud: Xi 21 gurnata.

Pros: U illum gejt orajt tajjeb?

Xhud: Dan ghadni ma nistax nigi bhal ma kont.

Pros: Wara l-incident tiftakar xi nies?

Xhud: Le ma nafx x`gara jien dak il-hin intlift minn sensijja ma nafx x`gara kont qieghed fl-art u meta gejt f`sensija l-isptar sibt ruhhi naf li xi hadd beda jkellimni imma aqqas idea x`gara.

**<u>Adrian Marian Borg,xehed hekk</u>**

Pros: Kont involut f`xi incident sinjur?

Xhud: Iva.

Pros: Spjegalna meta fejn u kif?

Xhud: Mela kien il-21 ta` Settembru, 2022 fi triq limiti tal-Balal Iklin sejjer lejn in-Naxxar.

Pros: Il-hin bejn wiehed u iehor tiftakru?

Xhud: L-10.30.

Qorti: X`gara sinjur?

Xhud: Mela dan kont ghaddej fuq in-naha tal-lemin.

Pros: X`kont qed issuq tafha in-number plate tal-karozza?

Xhud: IOU 995 KIA kont ghaddej fuq in-naha tal-lemin ridt naqleb il-karregata xeghelt l-indicator harist fil-mera il-mutur rajtu distanza safe li nista naqbez mill-fast lane ghall slow lane qbizt kollox baqa` miexi wara ftit inhoss habta fuq in-naha tax-xellug in-naha ta` gewwa.

Pros: Fuq liema parti kellek il-hsarat inti?

Xhud: Fuq in-naha tax-xellug.

Pros: Ghamilt indikazzjoni?

Xhud: Iva minn dejjem nuzah u nsuq bil-galbu xeghltu kif ghedtlek harist fil-mera il-mutur rajtu sew distanza lura li mhux qieghed la blind spot xejn kollox kien miexi b`certu speed rajt li hu safe biex naqbez qbizt dahlt kollox baqa` miexi f`daqqa wahda nhoss bumm fuq in-naha tax-xellug ta wara.

**Ikkunsidrat**

Irrizulta car mix-xhieda tal-imputat qabez minn lane ghal ohra minghajr ma ha d-dovuti prekawzjonijiet u bhekk wera nuqqas ta’

‘proper lookout”. Dan is-sewqan kien ta’ livell traskurat u bhekk tirrizulta l-ewwel imputazzjoni izda mhux it-tienu u t-tielet. Mill-provi jirrizulta ukoll ir-raba’ imputazzjoni.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-artikoli Kap. 65 Art 15(1)(a)(2)(3), Kap. 9 Art 226 (1)(b), L.S. 65.18 Art 36B u L.S. 65.18 Sitt Skeda issib li**l Adrian Marian Borg** hati ta’ l-ewwel (1) u r-raba’(4) akkuzi u tikkundannah komplessivament ghal elf u hamess mitt euro(1,500) multa , hmistghax (15) -il gurnata skwalifika mill-licenzji kollha tas-sewqan u 6 punti fuq il-licenzji kollha tas-sewqan. Tilliberah minn kull htija u piena rigwardanti t-tieni (2) u it-tielet (3) imputazzjonijiet.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**